**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH LL.D.**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Colin Sheldon)**

**vs**

**Wayne Caruana**

**Illum, 16 ta' Ottubru 2018**

**Il-Qorti;**

Wara li rat li Wayne Caruana, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 583577(M) gie akkuzat li:

> *"talli nhar is-Sibt 13 ta' Ottubru 2018 u nhar it-Tnejn 15 ta' Ottubru 2018 f'dawn il-gzejjer:-*
>
> *1. Talli fil-gurnata tas-Sibt it-13 ta' Ottubru 2018 f'dawn il-gzejjer, naqas milli jhares xi wahda, w/jew aktar minn wahda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura, Magistrat Dr. Charmaine Galea LL.D b'digriet datat 12 ta' Ottubru 2018, u li permezz tieghu l-istess Wayne Caruana nghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom li jirraporta fl-Ghassa tal-Pulizija taz-Zejtun kull nhar ta' Tnejn, Erbgha u Sibt bejn is-07:00 hrs u 19:00 hrs.*

*2. Talli fil-lejl ta' bejn l-14 u l-15 ta' Ottubru 2018 f'dawn il-gzejjer, naqas milli jhares xi wahda, w/jew aktar minn wahda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura, Magistrat Dr. Charmaine Galea LL.D b'digriet datat 12 ta' Ottubru 2018, u li permezz tieghu l-istess Wayne Caruana nghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom li jirrinkaza gewwa bejn il-23:00 hrs sa 06:00 hrs tal-ghada filghodu."*

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tirrevoka 'contrario imperio' d-digriet tal-helsien mill-arrest datat 12 ta' Ottubru 2018 u tordna l-arrest mill-gdid ta' Wayne Caruana kif ukoll tordna li s-somma ta' €2,000 bhala garanzija personali li giet imposta fuqu sabiex jaghmlu tajjeb ghall-beneficcju tal-helsien mill-arrest jghaddu favur il-Gvern ta' Malta, hekk kif stipulat fl-Artikolu 579(2) u 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti mill-Prosekuzzjoni.

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-udjenza tas-16 ta' Ottubru 2018, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti taghtu zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni tal-konsegwenzi li ggib maghha din l-istess ammissjoni.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat l-artikoli 579(2) u 579(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat diversi fatturi, fosthom in-natura tar-reat addebitati lill-imputat u l-ammissjoni immedjata u bikrija tieghu f' dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 579(2) u 579(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat Wayne Caruana hati tal-

imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u qeghda (i) tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tal-helsien mill-arrest datat 12 ta' Ottubru 2018; (ii) tordna l-arrest mill-gdid ta' Wayne Caruana; (iii) tordna li s-somma ta' elfejn Ewro (EUR 2,000) bhala garanzija personali li giet imposta fuqu sabiex jaghmlu tajjeb ghall-beneficcju tal-helsien mill-arrest jghaddu favur il-Gvern ta' Malta u (iv) tikkundanna lill-istess Wayne Caruana multa ta' tlett mitt Ewro (EUR 300).

**Dr Simone Grech** | **Karen Falzon**

**Magistrat** | **Deputat Registratur**